Kunsill Lokali L-Għasri
6, Triq Dun Karm Caruana, L-Għasri GSR 1021
Tel: 21558686 Fax: 21558655 email: ghasri.lc@gov.mt

*Ref. Nru. VII/28*

Minuti tal-Laqgħa Nru. 28 tal-Kunsill Lokali L-Għasri (is-Seba' Terminu), li nżammet nhar il-Erbgħa 22 ta' April, 2015 fis-7.00p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

Il-laqgħa kienet presjeduta mis-Sindku l-Av. Daniel Attard.

Membri oħra tal-Kunsill li kienu preżenti :

| | |
|---|---|
| Is-Sur Emmanuel Mintoff | Viċi Sindku |
| Is-Sur Joseph Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sur Frank Formosa | Kunsillier |
| Is-Sinjura Alexandra Maria Mifsud | Kunsilliera |

Preżenti kien hawn ukoll l-Ambaxxatur għaż-Żgħażagħ is-Sur Matthew Attard.

## 1. Talba

Fil-bidu tal-laqgħa s-Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsillieri qalu t-talba.

## 2. Approvazzjoni tal-Minuti 7-27

Il-Minuti tal-Laqgħa preċedenti kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija, ġew approvati unanimament u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 3. Financial Statements 2014 - Audited

Il-Kunsill iddiskuta l-Financial Statements 2014 kif aġġustati mill-Awditur. Fil-fatt saru tlett aġġustamenti mill-Awditur li l-Kunsill qabel magħhom. Il-Financial Statements 2014 ġew approvati unanimament.

## 4. Korrispondenza

4.01 Memo 06/2015 – Depożitar ta' flus fil-kont tal-Bank tal-Kunsilli Lokali.

4.02 Memo 07/2015 – Laqgħat tar-Reġjuni.

4.03 Memo 08/2015 – Ftehim Kollettiv għall-ħaddiema klerikali tal-Kunsill Lokali/Kumitat Reġjonali 2012-2016

4.04 Memo 09/2015 – Kodiċi ta' Etika għar-Rappreżentanti eletti tal-Gvern Lokali.

4.05 L-AKL infurmat lill-Kunsilli Lokali dwar tqassim ta' cards tal-passiġġieri tat-trasport pubbliku.

4.06 L-Isqof Mario Grech ta Digriet ta' Ħatra ta' Monsinjur Onorarju tal-Kapitlu Katidrali lil Kappillan Edward Xuereb. Il-Kunsill feraħ lill-Kappillan ta' din il-ħatra.

4.07 Is-Sindku informa lill-Kunsill dwar korrispondenza li għaddiet bejnu u s-Segretarju Parlamentari għas-Saħħa l-Onor. Dr Chris Fearne. Il-korrispondenza hija dwar l-istat tal-klinika. Is-Sindku qal ukoll li kien iltaqa' mas-Supretendent tal-Pulizija Antonello Grech fejn iddiskuta miegħu biex isir xogħol ta' manutenzjoni fil-bini tal-għassa li jiġi fuq il-klinika. Dan għar-raġuni li qed jidħol l-ilma tax-xita u jagħmel il-ħsara fil-klinika. Is-Sindku qal li ġie propost li l-Pulizija jibgħat il-ħaddiema u l-Kunsill jixtri l-materjal biex isir ix-xogħol meħtieġ. Meta isir ix-xogħol strutturali s-Segretarjat għas-Saħħa ikunu jistgħu jaraw x'hemm bżonn biex itejbu s-servizz tas-saħħa li jingħata mill-klinika u biex l-istess klinika tkun attrezzata aħjar.

4.08 Dorothy Vassallo mill-Uffiċċju tal-President infurmat lill-Kunsilli dwar premju li se jingħata lil persuni li qed jieħdu ħsieb persuna vulnerabbli. Il-Kunsilli ġew mistiedna jinnominaw persuni għal dan il-premju.

4.09 Amanda Cassar mid-Dipartiment tal-Kummerċ infurmat lill-Kunsilli Lokali dwar il-Premju Nazzjonali għall-Appoġġ lill-Intrapriża 2015. Il-Kunsilli Lokali jistgħu jibgħatu nominzzjonijiet sas-27 ta' April.

4.10 Il-Kappillan Edward Xuereb informa lill-Kunsill li bejn it-18 ta' April u t-2 ta' Mejju l-Isqof ta' Għawdex E.T Mario Grech ser jagħmel Viżta Pastorali fil-parroċċa tagħna. L-Isqof se jiltaqa' mal-Kunsill nhar l-Erbgħa 29 ta' April. Għalhekk kulħadd mistenni li jattendi biex nagħtu merħba xierqa lill-Isqof.

4.11 Id-Direttur Carmel Abela informa lill-Kunsill li l-applikazzjoni għall-fondi mill-iskema dwar l-attivitajiet ma ġietx magħżula. Is-Sindku ippropona li nitolbu spjegazzjoni lid-Direttur għal-liema raġuni l-applikazzjoni ma ġietx magħżula.

4.12 Doreen Camilleri mill-Ministeru Għal Għawdex infurmat lill-Kunsill Lokali Għawdxin dwar l-attivita' għall-anzjani fl-okkażjoni ta' Jum l-Omm. Il-Kunsill qabel li nagħmlu avviż dwar din l-attivita.

4.13 Is-Sindku informa lill-Kunsill li kien irċieva email minn għand ta' Puttinu Cares dwar il-mixja li se tiġi organizzata b'risq l-istess għaqda. Il-Kunsill qabel li nagħmlu l-avviż dwar din l-attivita. Is-Sindku ippropona li norganizzaw trasport għal dawk li se jieħdu sehem. Il-Kunsill qabel dwar din il-proposta.

**5. Ħlas ta' Kontijiet**

Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti nru 7-28 biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

**6. Attivitajiet matul il-jiem tal-Festa**

Il-Kunsill iddiskuta l-attivitajiet li għandhom jiġu organizzati matul il-jiem tal-Festa. Kif sar fis-snin preċedenti l-Kunsill qabel li għandna norganizzaw il-logħob għal kull

eta u anke t-tiġrijiet taż-żwiemel. Għalhekk il-Kunsill qabel li għandhom jibdew isiru l-preparamenti sabiex dawn l-attivitajiet ikunu jistgħu isiru. Is-Sindku ippropona sabiex it-tiġrijiet taż-żwiemel jiġu organizzati flimkien mal-Kumitat tal-Festa. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u għalhekk is-Sindku se jikkordina sabiex din l-attivita tkun tista' issir. Dwar il-logħob għal kull eta l-Kunsill qabel li din l-attivita issir nhar it-Tnejn l-1 ta' Ġunju.

**7. Ftehim ta' ħbiberija ma' Ħal Lija**

Is-Sindku ippropona li l-Kunsill għandu jibda l-proċess biex isir ftehim ta' ħbiberija mal-Kunsill Lokali u l-lokalita ta' Ħal Lija. Is-Sindku qal li ż-żewġ parroċċi jiċċelebraw l-istess festa f'Ġieħ Kristu Ewkaristiku Salvatur. Barra minn hekk il-Kunsilli jistgħu ikabbru l-ħbiberija fuq punti oħra bħal dawk kulturali, soċjali u edukattivi. Il-Kunsill qabel mal-proposta tas-Sindku u għalhekk huwa se jagħmel il-kuntatti meħtieġa biex ikun jista' jinbeda l-proċess għal dan il-ftehim.

**8. Materja oħra**

8.01 B'referenza ukoll għal laqgħa tal-Kunsill preċedenti s-Sindku ippropona li niktbu lil Transport Malta sabiex jibgħatulna informazzjoni dwar manutenzjoni li qed issir jew li huwa ippjanat li jssir fuq il-fanal ta' Ġordan. Il-Kunsill qabel mal-proposta tas-Sindku.

8.02 Is-Sindku informa lill-Kunsill li huwa kien irċieva ilmenti dwar antenna tal-Melita li ġiet installata dan l-aħħar fuq post fil-Pjazza s-Salvatur. Il-Kap tal-Iskola Laura Vicuna Sr Antoinette Pace ukoll esprimiet it-tħassib tagħha dwar perikli għas-saħħa tat-tfal li jattendu din l-iskola. Għalhekk is-Sindku ippropona li nibktu lill-MCA sabiex jagħmlu it-testijiet neċessarji u jivverifikaw jekk hemmx periklu jew le. Il-Kunsill qabel mal-proposta tas-Sindku u għalhekk l-MCA se jiġu ikkuntattjati biex jagħmlu t-testijiet meħtieġa.

8.03 Is-Sindku ippropona li niktbu ittra lil Carl Biġeni li huwa l-proprjetarju ta' farm houses fi Triq tal-Fanal sabiex l-iskart jinħareġ fil-ħinijiet li jinġabar u mhux minn jiem qabel bil-konsegwenza li jitqatta' mill-klieb u qtates u jinfirex mat-triq kollha.

8.04 Is-Sindku ippropona sabiex fil-futur il-Kunsill jagħmel l-Għejjun li kien hawn fl-antik. Dawn kienu fi Triq il-Knisja kantuniera ma' Triq il-Ġonna, fi Triq il-Knisja kantuniera ma' Triq il-Wilġa u ieħor fil-Pjazza s-Salvatur. Il-Kunsill qabel li meta ikolna l-Perit tal-Kunsill (peress li se toħroġ offerta għall-Perit) naraw x'permessi ikun hemm bżonn biex isiru dawn l-għejjun.

8.05 Is-Segratarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li kien irċieva ilmenti dwar terrapien li waqa' fl-inħawi ta' Triq Wied Sara wara li ċeda parti mill-blat. Il-Kunsill qabel li dan it-terrapien u biċċiet tal-blat għandu jinġabar minn Anton Mintoff u b'hekk jitneħħa kull periklu.

8.06 Mary Grace Attard proprjetarja tal-Villaġġ tal-Fanal fi Triq il-Fanal talbet li jsir ftit siment taħt il-bankina tal-istess villaġġ. Il-Kunsill qabel li jsir ix-xogħol meħtieġ mill-ħaddiem tal-iskema tal-ETC.

8.07 Florian Farrugia mix-Xewkija u li għandu l-egħlieqi fl-inħawi magħrufa Tas-Seqer talab li jinġabar il-ġebel li waqa' għat-triq u qed jostakola milli jidħlu bl-inġenji biex ikunu jistgħu jaħdmu r-raba. Il-Kunsill qabel li jekk dan ix-

xogħol jista' jsir mill-ħaddiema tas-CMU jagħmluh huma u jekk ikun hemm bżonn inqabbdu lill-kuntrattur Anton Mintoff biex jiġbor il-ġebel u terrapien li jista' jkun hemm.

8.08 Mary Ann Aquilina talbet lill-Kunsill sabiex jibni il-ħajt li hemm bejn l-għalqa tagħha u ta' Anglu Mercieca. Il-Kunsill qabel li dan huwa ħajt privat u għalhekk ma jistax jagħmel dan ix-xogħol.

8.09 Joe Saliba ta' Triq il-Fanal talab biex jingħata t-tarmak quddiem id-dar tiegħu peress li l-istat tat-triq mhux tajjeb. Il-Kunsill qabel li meta ikolna l-offerta biex issir din it-triq bit-tarmak u ikolna l-fondi meħtieġa isir ix-xogħol meħtieġ.

8.10 Maria Mizzi ta' Triq il-Knisja talbet biex teħel kanna bil-ganċijiet biex l-iskart jiddendel magħha. Il-Kunsill qabel li jekk ir-residenti kollha ta' dawn l-inħawi jaqblu nordnaw biex issir din il-kanna bil-ganċijiet. Irid ikun hemm qbil minn kulħadd fejn tista' teħel il-kanna.

8.11 L-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ informa lill-Kunsill li bħalissa qed jaħdem biex jiġu organizzati xi attivitajiet. Peress li ħafna żgħażagħ qed jagħmlu l-eżamijiet ikun aħjar li l-attivitajiet isiru matul is-sajf.

Il-laqgħa li jmiss ġiet appuntata għal nhar l-Erbgħa 20 ta' Mejju, 2015 fis-7.00p.m.

Il-laqgħa tal-lum intemmet fit-8.30p.m.

| | |
|---|---|
| Av. Daniel Attard | Ruben Cassar |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |